



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2012
COM(2012) 768 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**skont l-Artikolu 184(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-
implimentazzjoni tal-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel**

{SWD(2012) 435 final}

WERREJ

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL	
skont l-Artikolu 184(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-	
implimentazzjoni tal-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjejl.....	
3	
1.	INTRODUZZJONI
3	
2.	DESKRIZZJONI TAL-ISKEMA U TAL-ELEMENTI PRINĊIPALI TAGĦHA
3	
3.	EVALWAZZJONI TAL-FUNZJONAMENT TAL-ISKEMA U L-IMPATT
	TAGĦHA FUQ ID-DRAWWIET TAL-IKEL TAT-TFAL.....
4	
3.1.	L-istabbiliment ta' Skemi li jiffunzjonaw tajjeb fl-Istati Membri
5	
3.1.1.	L-implimentazzjoni amministrattiva u l-isfidi tagħha
5	
3.1.2.	Kwistjonijiet relatati mal-iffinanzjar tal-Iskema fl-Istati Membri
7	
3.2.	Evalwazzjoni tal-impatt tal-Iskema fuq id-drawwiet tal-ikel tat-tfal.....
8	
3.3.	Ir-rakkomandazzjonijiet li waslu.....
9	
4.	KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI
11	

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

skont l-Artikolu 184(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 184(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007¹ (minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) Unika'), dan ir-rapport jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel (minn hawn 'il quddiem "l-Iskema") matul l-ewwel tliet snin tal-funzjonament tagħha fil-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2009 sal-31 ta' Lulju 2012.

Ir-Regolament dwar l-OKS Unika jitlob li r-rapport jindirizza żewġ kwistjonijiet ewlenin b'mod partikolari, jiġifieri kemm l-Iskema ppromwoviet l-istabbiliment ta' Skemi tal-Frott għall-Iskejjel li jiffunzjonaw tajjeb fl-Istati Membri u l-impatt tal-Iskema fuq it-titjib tad-drawwiet tal-ikel tat-tfal.

Ir-rapport huwa bbażat primarjament fuq analiżi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tal-frott għall-iskejjel fil-pajjiżi tagħhom u, b'mod aktar speċifiku, fuq l-informazzjoni mir-rapporti annwali ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, sottomessi skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009², kif ukoll fuq is-sejbiet ta' evalwazzjoni esterna. Dawk is-sorsi huma bbażati fuq id-dejta għas-snin skolastiċi 2009/2010 u 2010/2011 biss, minħabba li s-sena skolastika 2011/2012 għadha ma ġietx evalwata.

2. DESKRIZZJONI TAL-ISKEMA U TAL-ELEMENTI PRINĊIPALI TAGĦHA

Il-pedamenti tal-Iskema ġew stabbiliti fil-kuntest tar-riforma tal-2007 tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-Frott u l-Ħaxix. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal skema ta' frott għall-iskejjel bil-għan li tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tnaqqis kontinwu fil-konsum tal-frott u l-ħaxix fost it-tfal. Il-Parlament Ewropew approva wkoll l-inizjattiva b'mod sħiħ. F'Novembru 2008 ntlaħaq qbil politiku fuq il-proposta tal-Kummissjoni, li witta t-triq għal EUR 90 miljun ta' fondi Ewropej sabiex jikkofinanzjaw ix-xiri u t-tqassim ta' frott u ħaxix frisk u pproċessat u ta' prodotti tal-banana lit-tfal tal-iskola kull sena, kif ukoll għal numru ta' miżuri relatati.

L-għan ġenerali tal-Iskema huwa li tipprovdi politika u qafas ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-inizjattivi tal-Istati Membri li huma mmirati biex ireġġgħu lura l-konsum dejjem jonqos

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli, ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 tas-7 ta' April 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-ghajjnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel, ĠU L 94, 8.4.2009, p. 38.

tal-frott u l-ħaxix, b'mod partikolari għat-tfal, li huma l-konsumaturi l-aktar vulnerabbli. L-għan huwa għalhekk li jiżdied, fuq bażi fit-tul, is-sehem ta' dawn il-prodotti fid-dieti tat-tfal fi stadju bikri meta jkunu għadhom qegħdin jissawru d-drawwiet tagħhom tal-ikel. Barra minn hekk, l-impatt pożittiv fuq il-konsum għandu jissodisfa l-oġettivi tal-PAK, inklużi l-promozzjoni tal-qligħ fl-agrikoltura, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq u d-disponibbiltà tal-provvisti attwali kif ukoll daww futur. Bl-istess mod, għet prevista dimensjoni aktar edukattiva permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament obbligatorji li jservu bħala għodda sabiex jiġu stabbiliti rabtiet mal-agrikoltura, man-nutrimient, mas-saħħa, mal-ambjent u mal-attività fiżika, billi dawn jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-impatt ġenerali tal-Iskema. Minbarra dan, l-Iskema tikkontribwixxi għall-għan tal-UE li tiġġieled il-livelli dejjem jiżdieđu tal-obeżità u l-mard kroniku marbuta ma' dieta mhux tajba għas-saħħa, kif stabbilit fil-White paper tal-2007 dwar 'White Paper dwar Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimient, il-Piż Żejjed u l-Obeżità'³.

L-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-Iskema għandhom iħejju strateġiji fil-livell nazzjonali jew reġjonali flimkien mal-awtoritajiet tal-edukazzjoni u tas-saħħa pubblika qabel il-perjodu tal-implimentazzjoni. Il-fondi tal-UE jikkofinanzjaw il-programmi nazzjonali sa livell ta' 50 %, li jiżdieđu għal 75 % għar-reġjuni ta' konverġenza u daww l-aktar imbiegħda tal-UE, bil-bilanċ ipprovdut minn kontribuzzjonijiet nazzjonali u/jew privati.

L-elementi ewlenin tal-Iskema huma dawn li ġejjin:

- (a) it-tqassim ta' prodotti fl-istabbilimenti edukattivi, li jvarjaw minn skejjel tat-tfal iż-żgħar għal skejjel sekondarji.
- (b) il-miżuri ta' akkumpanjament sabiex jiżdieđu l-għarfien dwar l-importanza tal-konsum tal-frott u tal-ħaxix, kif ukoll tad-drawwiet tajbin fil-konsum tal-ikel, u sabiex tissaħħaħ ir-rabta mal-agrikoltura permezz ta', pereżempju, żjarat fl-irziezet jew sessjonijiet dwar il-ġardinaġġ.
- (ċ) in-netwerking, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Skemi fi Stati Membri individwali.

3. EVALWAZZJONI TAL-FUNZJONAMENT TAL-ISKEMA U L-IMPATT TAGĦHA FUQ ID-DRAWWIET TAL-IKEL TAT-TFAL

Minbarra l-evalwazzjonijiet esterni u tal-Istati Membri msemmija fuq, fl-2011 il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem il-QEA) ippubblikat ir-rapport Speċjali tagħha Nru 10⁴ li jinkludi r-riżultati tal-audit konġunt tal-Iskema flimkien mal-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel, fejn hija kkunsidrat l-effikaċja taż-żewġ skemi. B'mod partikolari, il-QEA vvalutat jekk il-parteċipazzjoni hijiex imhegħa biżżejjed, jekk is-sussidji tal-UE għandhomx impatt dirett fuq il-konsum tal-benefiċjarji u jekk l-iskemi humiex mistennija li jilħqu l-oġettivi edukattivi tagħhom u jinfluwenzaw id-drawwiet futuri fil-konsum tal-ikel. Barra minn hekk, fl-2011 sar studju mis-CEPS⁵ b'kuntratt speċjali mal-Kummissjoni, li ffoka fuq l-

³ Il-White Paper dwar Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimient, il-Piż Żejjed u l-Obeżità', COM(2007) 279 finali, 30.5.2007.

⁴ Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru. 10 tal-2011 'Huma effettivi l-Iskemi tal-Ħalib għall-Iskejjel u tal-Frott għall-Iskejjel?'.

⁵ Ir-Rapport Speċjali tač-Centru għall-Istudji Poliċi Ewropej (CEPS - Centre for European Political Studies) 'Measurement of administrative burdens generated by European legislation, Administrative burden quantifications of School Fruit Scheme and School Milk Scheme', is-7 ta' Diċembru 2011.

istima u l-evalwazzjoni tal-piżijiet amministrattivi ġġenerati mill-Iskemi tal-Ħalib għall-Iskejjel u tal-Frott għall-Iskejjel.

3.1. L-istabbiliment ta' Skemi li jiffunzjonaw tajjeb fl-Istati Membri

Fid-dawl tal-għadd kbir ta' parametri li jistgħu jintużaw sabiex issir valutazzjoni ta' kemm ġiet stabbilita Skema li tiffunzjona tajjeb fl-Istati Membri, dan ir-rapport jiffoka fuq l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni amministrattiva tal-Iskema fl-Istati Membri u l-isfidi tagħha f'termini ta' (a) l-effiċjenza tagħha, (b) id-diffikultajiet iffaċċjati, (c) l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi, (d) il-miżuri ta' akkumpanjament u, fl-aħħar nett, il-kwistjonijiet relatati mal-finanzjament.

3.1.1. L-implimentazzjoni amministrattiva u l-isfidi tagħha

Hemm bosta approċċi u disinji kunċettwali għall-implimentazzjoni ta' skema tal-frott għall-iskejjel immexxija b'mod tajjeb. Ukoll fi ħdan Stat Membru jew reġjun wieħed, il-mod kif titmexxa l-Iskema jista' jvarja minħabba d-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-iskola. L-evalwazzjonijiet nazzjonali vvalutaw l-implimentazzjoni tal-Iskema u s-sodisfazzjon tal-iskejjel u tal-membri tal-persunal involuti fl-implimentazzjoni Prattika tagħha. Din l-hekk imsejħa evalwazzjoni tal-proċess sabet li l-Iskema kienet inkorporata b'suċċess fl-Istati Membri u li kienet milqugħa tajjeb ħafna mit-tfal, mill-ġhalliema u mill-ġenituri. Fis-sena skolastika 2010/2011, il-biċċa l-kbira tal-problemi li ġew esperjenzati fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tagħha ġew meġhluba u l-Iskema issa tinsab għaddejja mingħajr xkiel fil-maġġoranza kbira tal-Istati Membri. Madankollu, xorta għad hemm numru ta' Stati Membri u/jew reġjuni li qegħdin isibuha diffiċli biex jimplimentawha (ara s-subparagrafu (b)).

L-evalwazzjonijiet jikkonkludu wkoll li r-rekwiżit li tiġi stabbilita sħubija bejn l-edukazzjoni, is-saħħa u l-agrikoltura ntlaħaq b'suċċess, speċjalment fil-fażi li l-Iskema Ewropea kellha tiġi adattata għall-qafas nazzjonali/reġjonali u fil-fażi tal-iżvilupp tad-disinn jew tal-istrateġija kunċettwali tal-iskema. Din is-sħubija kienet kemmxejn inqas strutturata fil-livell tal-iskola, xi ħaġa li tista' tiġi attribwita għan-nuqqas ta' kuntatt bejn id-diversi partijiet interessati.

(a) L-effiċjenza tal-Iskema

L-evalwazzjoni esterna sabet li ma jeżisti l-ebda mod faċli sabiex jiġi kkalkolat liema skemi jaħdmu b'mod l-aktar effiċjenti. Billi r-rendiment tal-Iskema huwa kkaratterizzat minn bosta riżultati li kollha jistgħu jintużaw bħala indikaturi tal-impatt, l-effiċjenza għandha titkejjel b'aktar minn mod wieħed. Pereżempju, huwa diffiċli li wieħed jgħid jekk li jintlaħqu aktar tfal b'żieda aktar baxxa fil-konsum huwiex aħjar milli jintlaħqu inqas tfal b'żieda ogħla fil-konsum. Madankollu, l-evalwazzjoni vvalutat l-effiċjenza b'mod approssimattiv.

Is-sejbiet juru li l-proporzjon bejn il-kwantità ta' prodotti ta' frott u ħaxix imqassma u l-baġits li ntefqu jvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri (minn EUR 0,90 sa EUR 7 għal kull kilo). Madankollu, dan il-prezz jista' jiġi attribwit parzjalment għall-ispejjeż tat-tqassim, li jvarjaw b'mod konsiderevoli għal numru ta' raġunijiet, bħal karatteristiċi ġeografiċi (żoni remoti, gżejjer), id-densità tal-popolazzjoni u l-ġhażla tal-prodotti offruti. Prezz baxx għal kull kilogramma ta' prodotti minnu nnifsu ma jiggarrantixxi tqassim b'mod effiċjenti.

Jekk inħarsu lejn il-frekwenza tat-tqassim fir-rigward tan-nefqa mill-baġit, jidher li l-iskemi li jaħdmu b'mod l-aktar effiċjenti huma dawk fejn jintnefaq ammont żgħir ta' flus fuq prodotti għal frekwenza relattivament għolja ta' tqassim, bħal fl-Estonja (EUR 0,91 għal kull kilo ta' frott bi 2,6 distribuzzjonijiet fil-ġimgħa). L-effiċjenza ogħla tat-tqassim f'termini tal-prodotti

mqassma tista' tiġi spjegata parzjalment minn prezz aktar baxx li jintnefaq għal kull kilogramma ta' prodotti.

Meta jiġi kkalkolat il-proporzjon bejn in-numri ta' tfal fil-pubbliku destinatarju milħuq u n-nefqa mill-baġit għal kull tifel u tifla, jidher ċar li 8 Stati Membri jew reġjuni għandhom sehem kbir ta' tfal parteċipanti. Huma jilhqqu aktar minn 60 % tal-pubbliku destinatarju tagħhom minħabba li l-nefqa tagħhom għal kull tifel u tifla hija ferm aktar baxxa. L-Istati Membri jew ir-reġjuni li jagħmlu nefqa kbira ħafna għal kull tifel u tifla ġeneralment jilhqqu biss perċentwal żgħir ta' tfal. Madankollu, hemm xi eċċezzjonijiet, bħall-Ungerija, li min-naħa l-oħra tqassam biss tip wieħed ta' frott (tuffieħ).

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni osservat li l-livell ta' kofinanzjament tal-UE jinfluwenza l-firxa ta' kemm huwa kopert il-pubbliku fil-mira. Perċentwal għoli ta' għajjnuna mill-UE jagħti ċ-ċans lill-Istati Membri jilhqqu aktar tfal fil-pubbliku fil-mira.

(b) L-isfidi u d-diffikultajiet relatati mal-implimentazzjoni

Kif wieħed jista' jifhem, l-akbar diffikultajiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tfaċċaw fl-ewwel sena wara t-tnedija tal-Iskema fl-2009. Dawn il-problemi tal-bidu kienu jikkonċernaw l-aktar il-piż amministrattiv għoli, l-isfidi loġistiċi/organizzattivi u l-ksib tal-finanzjament nazzjonali meħtieġ.

Il-piż amministrattiv u l-problemi relatati mal-kofinanzjament nazzjonali jew privat huma spjegati f'aktar dettall fis-subkapitolu (ċ) u fil-Kapitolu 3.1.2. rispettivament.

Il-problemi loġistiċi kienu jikkonċernaw l-aktar il-kapaċitajiet tal-iskejjel li jieħdu ħsieb it-tnejn u t-tqassim tal-prodotti. Kien hemm ukoll problemi sabiex jinstabu l-fornituri, b'mod partikolari f'żoni remoti. L-Istati Membri rnexxielhom jegħlbu l-problemi tal-bidu b'modi differenti. Pereżempju, sabiex jitnaqqsu d-diffikultajiet loġistiċi, il-Pajjiżi l-Baxxi naqqsu n-numru ta' fornituri. Konsegwentement, il-volum tal-kuntratt sar aktar attraenti għall-ikkunsinnar tal-prodotti, filwaqt li l-isforzi amministrattivi u l-ispejjeż tal-kontroll tnaqqsu. Il-Polonja introduċiet rata fissa għal kull porzjon, li kellha effett pożittiv fuq is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċess tal-ġhoti tal-għajjnuna.

(ċ) L-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi

B'mod ġenerali, f'termini tal-obbligi ta' dokumentazzjoni, rapportar u kontroll, ir-rapporti ta' evalwazzjoni jqisu li l-ħidma amministrattiva relatata mal-Iskema hija maniġġabbli u fuq livell medju meta mqabbla ma' miżuri politiċi oħrajn skont il-PAK. Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti fihom infushom ma jikkostitwixxux ostaklu għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri jew tal-iskejjel.

L-evalwazzjoni esterna tistabbilixxi li l-piż amministrattiv fl-iskemi organizzati fil-livell reġjonali, bħal Catalonia jew Saxony-Anhalt, jidher li huwa oġġla fir-rigward tan-numru ta' tfal u skejjel parteċipanti milli huwa fl-iskemi organizzati b'mod ċentrali. Dan huwa konformi mar-rapport tas-CEPS, li jindika li tali piżijiet huma bħal spejjeż fissi u ma jogħlew meta tiżdied l-iskala tal-iskema.

Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjonijiet identifikaw piżijiet konsiderevoli fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-Iskema fil-livell skolastiku. Tali piżijiet jirriżultaw mill-isfidi organizzattivi marbuta mad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar kif għandha tiġi implimentata l-Iskema. F'ċerti każijiet, l-iskejjel saħansitra jiġu fdati bil-kompiti tal-ksib u l-amministrazzjoni tal-kuntratti mal-fornituri. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri u r-reġjuni

parteċipanti, l-iskejjel jiġu ffaċċjati b'kompiti relatati mal-loġistika u l-ikkunsinnar tal-prodotti, kif ukoll mal-ġestjoni tat-tħejjija u t-tqassim ta' tali prodotti lit-tfal. Dan ix-xogħol jieħu l-ħin u jirrikjedi ħaddiema addizzjonali. Ċerti evalwazzjonijiet tal-Istati Membri jwissu dwar il-piżijiet eċċessivi fuq l-iskejjel, li jistgħu jiskoraġġuhom milli jipparteċipaw fl-Iskema.

F'ċerti każijiet, il-piż amministrattiv irriżulta minn rekwiżiti nazzjonali stretti ħafna imposti mill-Istati Membri fl-ewwel sena, li sussegwentement inbidlu fid-dawl tal-esperjenza miksuba.

Pereżempju, il-Polonja taffiet ir-rekwiżiti tagħha għall-ippakkjar u t-tħejjija tal-prodotti minħabba li l-fornituri ma setgħux jissodisfawhom.

Minbarra dan, il-Kummissjoni ssimplifikat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009.

(d) Il-miżuri ta' akkumpanjament

Il-miżuri ta' akkumpanjament imwettqa bis-saħħa tal-Iskema tal-UE jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet pubbliċi li huma responsabbli mill-edukazzjoni, mis-saħħa u l-agrikoltura jistabbilixxu d-disinn kunċettwali tal-miżuri. L-aktar approċċ komuni huwa li l-iskejjel jiġu offruti varjetà ta' materjal tat-tagħlim u suġġerimenti għall-miżuri ta' akkumpanjament u li jitħallew jiddeċiedu huma stess fuq kif għandhom jimplimentawhom. Min-naħa l-oħra, ċerti skemi reġjonali jew nazzjonali ma jipprovdu l-ebda appoġġ lill-iskejjel sabiex ikunu jistgħu jwettqu tali miżuri. Fi ftit Stati Membri u reġjuni, il-miżuri ta' akkumpanjament jitwettqu sempliċement fil-kurrikulu regolari tal-iskola. Id-diskrepanzi kbar fl-approċċi u, konsegwentement, is-saħħa ta' dawn il-miżuri jistgħu wkoll jiġu attribwiti parzjalment għall-fatt li mhumiex ikkofinanzjati mill-fondi tal-UE u b'hekk ma hemm l-ebda rekwiżit minimu addizzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom.

Mill-analiżi li saret jirriżultaw żewġ tipi ta' programmi: dawk fejn il-miżuri huma l-element ċentrali tal-intervent, pereżempju fl-Irlanda, u dawk li jintegrawhom bħala 'element addizzjonali', bħal fil-Pajjiżi l-Baxxi. B'hekk, l-infiq fuq il-miżuri ta' akkumpanjament ivarja, bil-Pajjiżi l-Baxxi u Franza jonfqu inqas minn EUR 1 għal kull tifel u tifla fl-ewwel sena, filwaqt li l-Irlanda tonfoq aktar minn EUR 25 għal kull tifel u tifla, minħabba li s-sistema tagħha hija bbażata fuq 'rewards' (premjijiet zġhar).

Fir-rigward tal-impatt tal-miżuri ta' akkumpanjament, ir-riċerka mwettqa fl-Irlanda turi li l-programm tagħhom "Food Dudes" li huwa bbażat fuq miżuri ta' akkumpanjament b'saħħithom, huwa essenzjali għal żieda sostenibbli fil-konsum tal-frott u l-ħaxix mit-tfal. Għal Stati Membri oħrajn, li jadottaw approċċi differenti, f'dan l-istadju huwa diffiċli li jiġi evalwat l-impatt globali tal-miżuri ta' akkumpanjament fuq perjodu ta' żmien qasir.

3.1.2. Kwistjonijiet relatati mal-iffinanzjar tal-Iskema fl-Istati Membri

Kif ġie spjegat fil-kapitoli preċedenti, l-Iskema hija bbażata fuq il-prinċipju tal-kofinanzjament. Is-sehem tal-fondi li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri jista' jiġi minn sorsi pubbliċi jew privati. Mill-evalwazzjonijiet nazzjonali u esterni jidher ċar li huwa dejjem aktar diffiċli li tagħmel il-kofinanzjament disponibbli, b'mod partikolari jekk dan ikun irid jinkiseb esklussivament mill-iskejjel, mill-muniċipalitajiet jew mill-ġenituri. B'hekk, il-kofinanzjament ġie ppreżentat bosta drabi bħala waħda mill-akbar sfidi fl-implimentazzjoni tal-Iskema u bħala raġuni għaliex ċerti reġjuni fi ħdan l-Istati Membri ddeċidew li ma jipparteċipawx fl-Iskema.

(a) Is-sorsi ta' kofinanzjament nazzjonali

Fil-maġġoranza tal-Istati Membri parteċipanti u r-reġjuni tagħhom, il-kofinanzjament nazzjonali huwa bbażat esklussivament fuq fondi pubbliċi. Huma biss is-Slovakja, id-Danimarka, l-Awstrija u l-Fjandra (il-Belġju) li jitolbu kontribuzzjoni mill-ġenituri, filwaqt li 3 Stati Membri / reġjuni jinkorporaw il-finanzjament privat fil-kunċett ta' kofinanzjament tagħhom (Baden-Württemberg, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Fjandra).

Il-kontribuzzjoni privata għall-finanzjament tista' tkun opportunità pożittiva sabiex tiġi estiża l-iskala tal-Iskema, jekk il-parteeċipazzjoni fit-tul u l-interessi privati jkunu jistgħu jiġu amministrati b'mod tajjeb. L-identifikazzjoni u l-ikkuntrattar ta' sponsors privati jidhru li jsiru b'mod aktar effiċjenti taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' kontroll nazzjonali / reġjonali milli fil-livell skolastiku. L-evalwazzjoni tistabbilixxi wkoll li l-Iskema ma tespandix f'reġjuni fejn il-kontribuzzjoni pubblika hija limitata ħafna u li jeħtieġ li l-finanzjament privat jiġi organizzat mill-iskejjel parteċipanti. Dan huwa l-każ fi Franza u fil-Ġermanja. Ir-reġjun ta' Baden-Württemberg, b'kontribuzzjoni pubblika ta' 4 % biss, għandu problemi speċifiċi fir-rigward tal-espansjoni tal-programm tiegħu, filwaqt li dan mhuwiex il-każ għar-reġjuni ġirien tal-Bavarja u ta' Rhineland-Palatinate, li jirċievu kontribuzzjoni pubblika ta' 50 %. Fi Franza, fejn ma jeżisti l-ebda kofinanzjament nazzjonali, il-baġit jiġi pprovdut jew mill-muniċipalitajiet jew mill-iskejjel infushom, jiġifieri mill-baġit tal-canteen tagħhom.

(b) Il-kontribuzzjoni mill-ġenituri

L-introduzzjoni ta' kontribuzzjoni mill-ġenituri għall-finanzjament hija kkunsidrata b'mod differenti, għalkemm hija tista' tiżgura ċertu involviment min-naħa tal-ġenituri fl-iskema u tipprovi baġit addizzjonali. Bażikament, huwa preżunt li kontribuzzjoni finanzjarja obligatorja mill-ġenituri tħalli influwenza negattiva fuq ir-rata tal-parteeċipazzjoni, speċjalment jekk l-iskejjel ikollhom ħafna tfal li jkunu ġejjin minn kuntest soċjali inqas privileġġat. Barra minn hekk, il-messaġġ li jwasslu l-kapijiet tal-iskejjel huwa li l-ġbir tal-flus fil-livell tal-iskola jirrikjedi ħafna organizzazzjoni. Dawn is-suppożizzjonijiet huma kkonfermati, pereżempju, mill-esperjenzi tal-Latvja. Hemmhekk ġie osservat li l-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel waqfet meta tnaqqas il-finanzjament pubbliku.

(ċ) L-impatt tal-kofinanzjament tal-UE

Għalhekk, l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-għajjnuna mill-UE — kemm il-perċentwal ta' finanzjament kif ukoll il-kobor assolut tal-fondi tal-UE disponibbli — għandha impatt pożittiv jew saħansitra essenzjali fuq l-effikaċja tal-Iskema. Il-fondi tal-UE huma essenzjali għas-suċċess tal-iskemi fil-livell nazzjonali (jew reġjonali) kważi fl-Istati Membri parteċipanti kollha, irrispettivament mill-kunċett sottostanti ta' kofinanzjament. Barra minn hekk, f'għajnejn il-pubbliku, l-involvement tal-UE jagħti kredibilità u piż addizzjonali lill-iskemi reġjonali u nazzjonali.

3.2. Evalwazzjoni tal-impatt tal-Iskema fuq id-drawwiet tal-ikel tat-tfal

Fid-dawl tal-fatt li l-evalwazzjonijiet nazzjonali vvalutaw biss sentejn mill-implimentazzjoni tal-Iskema u li ġew applikati metodi ta' evalwazzjoni differenti, ir-riżultati fir-rigward tal-effikaċja tagħha ma jistgħux ikunu konklużivi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt fit-tul.

(a) L-impatt fuq id-drawwiet tal-ikel tat-tfal

Meta wieħed iqis dawn il-limitazzjonijiet, ir-riżultati tal-biċċa l-kbira tal-evalwazzjonijiet reġjonali u nazzjonali jindikaw li l-Iskema wasslet għal żieda fl-ammont ta' frott u ħaxix ikkunsmat mit-tfal. Bħala eżempju, il-Polonja rreġistrat żieda ta' 21 % fil-konsum. Riżultati pożittivi simili ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-intervisti mwettqa bħala parti minn evalwazzjoni esterna. Kienu biss erba' evalwazzjonijiet li ma setgħu jidentifikaw l-ebda impatt fuq il-konsum, jew minħabba li għalissa għad ma hemmx biżżejjed raġunijiet biex jiġi ġġudikat l-impatt tal-Iskema fuq il-konsum wara biss sena waħda ta' implimentazzjoni, bħal fil-Pajjiżi l-Baxxi, jew inkella minħabba li ma ġiet stabbilita l-ebda differenza statistika sinjifikanti fix-xejriet tal-konsum.

F'xi każijiet, l-inkoraġġiment lit-tfal biex jieklu aktar froxx u ħaxix għandu wkoll effett sekondarju pożittiv lil hinn mill-ħinijiet uffiċjali tat-tqassim fl-iskejjel, pereżempju fir-rigward tal-konsum wara l-ħinijiet tal-iskola fir-Rumanija, jew fi ġranet meta ma kienx ippjanat li jsir tqassim tal-frott, bħal fil-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, il-konklużjonijiet kienu differenti fir-rigward tal-impatt tal-Iskema fuq l-istil ta' ħajja tat-tfal b'mod ġenerali, bħall-konsum ta' ikliet ħfief (snekks) jew ħelu popolari. F'ċerti każijiet, ġie stabbilit li ma kien hemm l-ebda impatt viżibbli, filwaqt li xi drabi ġiet identifikata bidla pożittiva. Huwa interessanti li ħafna evalwazzjonijiet jikkonkludu li l-Iskema ma taffettwax il-konsum tat-tfal parteċipanti kollha bl-istess mod. Id-differenzi ġew osservati fir-rigward tas-sess, bil-bniet jikkunsmaw aktar frott u ħaxix mis-subien, kif ukoll fir-rigward tat-tipi ta' prodotti, fejn il-frott huwa ppreferut mill-ħaxix. Ċerti evalwazzjonijiet osservaw ukoll l-impatti pożittivi tal-Iskema, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi ekonomikament żvantaġġati, li laqgħu l-Iskema bis-sħiħ.

(b) L-impatt fuq il-ġenituri

Fil-maġġoranza tal-evalwazzjonijiet, l-effetti tal-Iskema fuq il-ġenituri u l-konsum tagħhom tħallew barra jew ġew indirizzati indirettament billi ġiet eżaminata biss l-attitudni tagħhom lejn l-Iskema b'mod ġenerali u lejn id-dieti tat-tfal tagħhom. Għalkemm ħafna evalwazzjonijiet ikkonkludew li l-ġenituri wiegħbu b'mod pożittiv ħafna għall-Iskema u għall-għanijiet tagħha, fil-każ ta' Franza u l-Polonja, l-Iskema ma kellha l-ebda impatt viżibbli fuq il-konsum tal-ġenituri. Evalwazzjonijiet oħrajn jindikaw li l-impatt tal-Iskema kien pożittiv fir-rigward tal-attitudni tal-ġenituri lejn id-dieti tat-tfal tagħhom. Pereżempju, il-ġenituri fl-Irlanda, fil-Polonja u f'Malta pprovdew aktar prodotti ta' frott u ħaxix fil-kontenituri tal-ikel tat-tfal tagħhom għal waqt il-ħin tar-rikreazzjoni. Kien hemm ukoll varjazzjoni u disponibbiltà akbar ta' daww il-prodotti fid-dar (fl-Italja) u, fi grad inqas, kien hemm impatt pożittiv ukoll fuq il-konsum tal-ġenituri stess.

3.3. Ir-rakkomandazzjonijiet li waslu

L-evalwazzjonijiet jidentifikaw titjib kbir fil-funzjonament tal-Iskema meta mqabbel mal-bidu diffiċli tagħha. Madankollu, ġew ippreżentati bosta rakkomandazzjonijiet bil-għan li tissaħħaħ l-Iskema.

L-ewwel nett, sabiex jiġu kkompensati l-limitazzjonijiet finanzjarji esperjenzati minn ħafna Stati Membri u reġjuni, kif ukoll sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-Iskema permezz tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha,

- Huwa rrakkomandat li r-rata ta' kofinanzjament tal-UE tiżdied, billi r-rati attwali ta' 50 % u 75 % jitqiesu bħala ostakli għal adożzjoni aktar mifruxa. L-għajnuna globali mill-UE għandha tiżdied ukoll għal aktar minn EUR 90 miljun.

It-tieni, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Iskema u l-parametri tat-tqassim, saru r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Għandu jiġi mmirat li jsir tqassim kontinwu (≥ 35 ġimgħa skolastika), billi hija biss parteċipazzjoni li tkun twila biżżejjed li tista' tiġġenera impatt sostenibbli fir-rigward tat-titjib tad-drawwiet tal-ikel tat-tfal kif previst mill-Iskema.
- Id-diversità tal-offerti titqies bħala fattur ta' suċċess importanti għall-effikaċja tal-Iskema. Huwa rrakkomandat li jiġu offruti mill-inqas bejn 5 u 10 prodotti differenti sabiex l-interess tat-tfal jinżamm. Madankollu, jista' jkun diffiċli li tiġi segwita din ir-rakkomandazzjoni meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħtu preferenza lill-prodotti ta' frott u ħaxix lokali jew staġjonali.
- Il-prodotti għandhom ikomplu jitqassmu mingħajr ħlas. Minn ħafna mill-evalwazzjonijiet nazzjonali (pereżempju tal-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi) kif ukoll mir-rapport tal-QEA dan huwa meqjus li jiddetermina s-suċċess tal-Iskema, billi jħalli impatt fuq il-parteeipazzjoni u l-effikaċja.
- Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li l-prodotti jiġu offruti b'mod frekwenti ħafna, idealment tliet darbiet fil-ġimgħa. Din ir-rakkomandazzjoni, b'mod simili għat-tliet rakkomandazzjonijiet preċedenti, hija marbuta b'mod inerenti mal-kwistjoni tal-finanzjament tal-Iskema u mal-baġit disponibbli.

Fir-rigward tal-pubbliku destinatarju tal-Iskema:

- Bosta Stati Membri jaraw il-ħtieġa li jestendu l-pubbliku destinatarju tal-Iskema sabiex jagħtu ċ-ċans lil aktar tfal jibbenifikaw minnha. Din hija marbuta b'mod inerenti mal-fondi disponibbli.
- Ġie stabbilit ukoll li hemm bżonn ta' approċċ immirat għal gruppi aktar 'vulnerabbli', bħal gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati, li juru interess qawwi fl-Iskema. Madankollu, filwaqt li huwa rrakkomandat li l-Iskema għandha tkun immirata għal dan il-grupp, hija ma għandhiex tkun restritta għalih, sabiex tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni tal-iskejjel fejn jattendu u minħabba d-diffikultajiet biex jiġu stabbiliti l-kriterji għall-identifikazzjoni b'mod preċiż ta' dawn il-gruppi u l-iskejjel.
- Bosta evalwazzjonijiet jaraw ukoll ħtieġa li jinstabu modi aħjar li jindirizzaw lis-subien, li għandhom it-tendenza li jikkunsmaw inqas frott u ħaxix mill-bniet.

Fir-rigward tal-piż amministrattiv u organizzattiv,

- Huwa rrakkomandat li sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, għandhom jiġu esplorati mezzi kif jiġu armonizzati l-obbligi ta' rapportar u l-proċeduri amministrattivi tal-Iskemi tal-Frott fl-Iskejjel u tal-Ħalib fl-Iskejjel. Barra minn hekk, għandhom jinstabu soluzzjonijiet fi strateġiji nazzjonali sabiex jgħinu lill-iskejjel ikompaw mal-kompiti organizzattivi u loġistiċi.

Fl-aħħar nett, minħabba l-importanza tal-miżuri ta' akkumpanjament u sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat li:

- L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jagħtu aktar attenzjoni lill-approċċ li jużaw, minħabba li l-impatt ta' dawk il-miżuri jiddependi fuq l-approċċ metodoloġiku.

- Huwa rrakkomandat li dawn il-miżuri għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna mill-UE billi jiġi pprovdut livell minimu ta' finanzjament bil-għan li jissaħħa ir-rwol tagħhom u tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Iskema b'mod ġenerali, bosta evalwazzjonijiet nazzjonali jirrakkomandaw li:

- Hemm il-ħtieġa qawwija li tizzied il-viżibbiltà tal-Iskema u li tiġi pprovduta informazzjoni aktar estiża u mmirata b'mod aħjar, kif ukoll li l-atturi u l-partijiet interessati differenti jiġu involuti b'mod aktar sistematiku.

4. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

Wara biss tliet snin mit-tnedija tal-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejje, għadu kmieni wisq għal konklużjonijiet definittivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt sostenibbli tagħha fuq id-drawwiet tal-ikel tat-tfal. Madankollu, skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni inizjali u ċ-ċifri tal-Kummissjoni mill-eżerċizzju ta' monitoraġġ, jista' jiġi stabbilit li l-Iskema ġiet inkorporata b'suċċess fl-Istati Membri u li l-effiċjenza tagħha qed tizzied f'termini tal-baġit użat u tal-benefiċċji għat-tfal (aktar minn 8 miljuni) meta mqabbla mal-fażi tal-bidu.

Fir-rigward tal-effikaċja tal-Iskema, l-evalwazzjonijiet nazzjonali jindikaw li l-Iskema għandha potenzjal kbir u li hija għodda xierqa sabiex tkun eżerċitata influwenza pożittiva fuq id-drawwiet tal-ikel kemm tat-tfal kif ukoll tal-ġenituri, billi thegħiġhom sabiex jikkunsmaw aktar haix u frott fil-ġejjieni, diment li tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-Iskema fit-tul.

Ġew ippreżentati bosta rakkomandazzjonijiet u proposti għal titjib fl-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri u mill-kuntrattur estern, kif ukoll mir-rapport speċjali tal-QEA. Uħud mill-aktar rakkomandazzjonijiet importanti diġà ġew indirizzati bil-bidliet proposti fl-Iskema fil-kuntest tal-proposti tar-riforma tal-PAK tal-2020. Għalhekk, sabiex jingħata ċans saħansitra lil aktar tfal mit-8,1 miljun li attwalment jibbenefikaw mill-Iskema, il-Kummissjoni pproponiet li din tkompli tissaħħa billi l-baġit globali tal-UE disponibbli għall-Iskema jiżdied għal EUR 150 miljun. Huwa propost ukoll li jiżdiedu r-rati ta' kofinanzjament tal-UE li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-parametri prinċipali għas-suċċess tal-Iskema. L-evalwazzjoni esterna tqis ir-rati tal-kofinanzjament attwali bħala wieħed mill-ostakli ewlenin għal utilizzazzjoni aktar mifruxa tal-fondi.

Barra minn hekk, minħabba l-importanza mogħtija lill-miżuri ta' akkumpanjament, il-Kummissjoni pproponiet li tagħmel dawk il-miżuri eliġibbli għall-kofinanzjament mill-baġit tal-UE b'ċerti kondizzjonijiet u sa limitu li għandu jiġi stabbilit fi stadju aktar tard. Dan għandu jsahha l-impatt u l-koerenza tagħhom għall-benefiċċju ġenerali tal-Iskema.

Fid-dawl ta' din ir-reazzjoni pożittiva dwar l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Iskema wara l-ewwel tliet snin tal-implimentazzjoni tagħha, f'dan l-istadju huwa importanti li nibdew naħsbu dwar il-ġejjieni. Barra minn hekk, ir-rapport tal-QEA talab għal koordinazzjoni u sinerġija akbar bejn l-Iskema tal-Frott għall-Iskejje u l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejje sabiex jiġi żgurat li dawn jippreżentaw approċċ armonizzat għan-nutrimient u li jiġu amministrati b'mod effiċjenti.

Għalhekk il-Kummissjoni nediet proċess tal-valutazzjoni tal-impatt li se jibni fuq is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet, fuq it-titjib li diġà sar, u li se jqis ir-rapport tal-QEA. Il-proċess se jivvaluta l-impatt tal-iskemi eżistenti u se janalizza kif dawn għandhom jevolvu fil-futur billi se jqis l-alternattivi differenti, inkluża l-possibbiltà ta' skema ġdida u aktar mifruxa. Barra

minn hekk, se jeżamina r-rwol u d-disinn tal-miżuri ta' akkumpanjament li huma għodda importanti sabiex it-tfal jiġu infurmati u edukati dwar l-importanza tal-prodotti agrikoli, tal-agrikoltura u tal-biedja, kif ukoll dwar drawwiet tal-ikel u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa.